MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Numru. 258/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Duane Borg**
**Anthony Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra **Duane Borg** ta' 19-il sena, bin Victor u Victoria nee' Borg, imwieled Pieta`, nhar it-12 ta' Jannar 1992, residenti 7, 'Wanderer', Flat 1a, Antonio Bosio Street, Balzan u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 57992M

u

**Anthony Spiteri** ta’ 20 sena, iben Raymond u Audrey nee’ Vassallo, imwieled l- Pieta` nhar it-30 ta’ Awwissu 1991, residenti ‘Ramon House’ Triq l-Imghazel, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 432091M

Akkuzati talli nhar it-3 ta’ Dicembru 2011 ghall-habta tal-05:00 ta’ filghodu waqt li kienu fi Triq l-Imhalla, Naxxar jew fil-vicinanzi u fil-gimghat ta’ qabel:

a) Kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu milli jipprovdu li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u

kkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba u jergghu lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fedina penali li ghalkemm mhix netta mhijiex wahda allarmanti u l-fatt li jidher li ghandhom hajja stabbli u mpjieg fiss.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument BS5, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------